MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 14/2010

**Alexia Papadopoulos**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Alexia Papadopoulos fil-25 ta’ Mejju 2010 permezz ta’ liema titlob li t-Tribunal ihassar l-effetti ta’ l-ittra ta’ rifjut ta’ l-20 ta’ April 2010 mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, u minflok jghaddi biex jiddikjara li l-vettura taghha ta’ l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta’ Registrazzjoni RCL 246 ghandha tkun ezenti mit-taxxa tar-registrazzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-ispejjez kontra l-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa’ 7 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda stante li r-Rikorrenti ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vetturi ai termini tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011[1], ix-xhieda ta' Richard Sultana moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011[2] u x-xhieda ta' Herald Bonnici moghtija waqt is-seduti tat-28 ta' Novembru 2011[3] u tal-11 ta' Mejju 2012[4];

Sema' t-tratazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti tattakka d-decizjoni tal-Ministeru intimat notifikata lilha b'ittra datata 20 ta' April 2010[5], li ma jilqax it-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta' Registrazzjoni RCL 246 ghaliex *from documents provided, it results that your application does not satisfy the requisites of Article 19(3)(i) of Cap. 368, which states that the vehicle must be the personal property of a private individual*. Ir-Rikorrenti tikkontesta d-decizjoni tal-Ministeru intimat ghaliex kuntrarjament ghal dak minnu pretiz il-vettura in kwistjoni ghad li ma kenitx registrata f'ismha, hija di proprjetà privata taghha u ghalhekk tikkwalifika ghall-ezenzjoni ai termini tal-Ligi ghaliex hawn non si tratta ta' xi kumpannija li qed tipprova timporta l-karozzi f' Malta ghal skop kummercjali imma ta' Maltija li trid tirritorna Malta wara sforz kummercjali li ma tkompliex fl-Awstralja, u ghaliex fi kwalunkwe kaz ladarba hija giet lura Malta u gabet il-vettura taghha maghha wara d-dati indikati fil-*proviso* ta' l-

[1] Fol. 17 u 18 tal-process.
[2] Fol. 21 u 22 tal-process.
[3] Fol. 24 u 25 tal-process.
[4] Fol. 29 u 30 tal-process.
[5] Fol. 3 tal-process.

Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talba taghha ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni qatt ma setghet tigi michuda.

Il-Ministeru intimat min-naha l-ohra jikkontendi li r-Rikorrenti ma tikkwalifikax ghall-esenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vetturi ai termini tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta. Waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2010[6] Herald Bonnici, Chairman attwali ta' l-Exemptions Board fi hdan il-Ministeru intimat, fisser ulterjorment ir-raguni ghar-rifjut tat-talba tar-Rikorrenti da parte tal-Ministeru: *l-ittra tar-rifjut kienet harget fl-20 ta' April 2010 u minnha jirrizulta li r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi biex tibbenefika mill-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni u senjatament mill-fatt illi l-vettura trid tkun proprjetà privata u personali ta' l-applikant. Minn verifika li ghamilt mill-file ma jirrizultax illi hemm kopja jew l-original tar-registration certificate tal-vettura in kwistjoni u lanqas jirrizulta li nghata bhala risposta ghal xi talba mill-bord. Li ghandi huma l-vehicle package information datata 12 ta' Mejju 2009 u minnha jirrizulta li l-vettura hija registrata fuq kumpanija, izda l-isem ta' din il-kumpanija ma jirrizultax. Naghmel referenza ghad-dokument li jinsab a fol.7 tal-process minn fejn jirrizulta li din il-vettura hija l-ahhar registrata f'isem Perfect* [recte: Purrfect] *Reflections. Nghid illi llum il-gurnata l-bord jimxi skond fuq min tkun irregistrata l-vettura, jigifieri jekk il-vettura tkun irregistrata f'isem ditta u mhux persuna privata jigifieri l-applikant, allura jimxi fuq dik ir-registration u jichad l-applikazzjoni. Ladarba l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda ghandi nifhem li l-bord precedenti mexa fuq l-istess bazi. Id-definizzjoni ta' persuna li ahna naghtu hija dik kif tirrizulta mill-Ligi. Il-Ligi li qed naghmel referenza ghaliha hija Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Qabel ma t-Tribunal jittratta l-meritu ta' dawn il-proceduri jehtieg li tigi indirizzata kwistjoni sollevata mit-Tribunal *ex officio* u cioè jekk l-Appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministeru intimat huwiex *fuori termine* jew le.

[6] Fol. 24 u 25 tal-process.

In effetti fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2012 it-Tribunal issosspenda l-prolazzjoni tas-sentenza ghall-fini li titressaq prova da parte tal-Ministeru intimat dwar meta d-decizjoni tieghu giet effettivament notifikata lir-Rikorrenti.

Ir-Regolament 4(6) tar-Regoli dwar l-Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, kif applikabbli fiz-zmien meta inghatat id-decizjoni fil-konfront tar-Rikorrenti[7], kien jipprovdi li: *meta applikazzjoni ghal ezenzjoni taht din ir-regola tigi rifjutata, l-applikant jista' jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva fi zmien* <u>*wiehed u ghoxrin gurnata*</u>[8] *mid-data meta dik id-decizjoni tigi komunikata lil dik il-persuna*.

Mill-atti processwali jirrizulta li b'ittra datata 20 ta' April 2010 il-Ministeru intimat bghat jgharraf lir-Rikorrenti bir-rfijut tieghu li jilqa' t-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta' Registrazzjoni RCL 246. Ir-Rikorrenti pprezentat l-Appell taghha minn dik id-decizjoni fil-25 ta' Mejju 2010, u cioè hamsa u tletin gurnata wara d-data ta' l-ittra imsemmija. Peress illi ir-Regolament 4(6) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 kif applikabbli fiz-zmien in kwistjoni jipprovdi li t-terminu ta' wiehed u ghoxrin gurnata ghall-prezentata ta' l-appell mir-rifjut jiskatta mid-data meta d-decizjoni tal-Ministeru tigi komunikata lill-applikant, huwa necessarju li jigi stabbilit meta l-ittra datata 20 ta' April 2010 giet jew ta' l-inqas setghet giet notifikata lir-Rikorrenti.

F'tali rigward xehed Herald Bonnici waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2012[9] fejn iddikjara li *rajt il-file u mill-file jirrizulta l-20 ta' April 2010 meta nbaghtet l-ittra.* Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar jekk dik l-ittra nbaghtitx bil-posta ordinarja jew bil-posta registrata Herald Bonnici rrisponda: *dak iz-zmien ma konniex ahna membri tal-Bord. Illum qed inzommu nota ta' kull registrazzjoni fil-file. Dak iz-zmien ta' dik m'ghandix fil-file. … qed nassumi li marret ordinary*

[7] Avviz Legali 196 ta' l-2009.
[8] Sottolinear tat-Tribunal.
[9] Fol. 29 u 30 tal-process.

*mail*. Fuq mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal dwar setghax jghid meta dik l-ittra waslet ghand ir-Rikorrenti, Herald Bonnici rrisponda *ma nkunx naf*.

Mix-xhieda ta’ Herald Bonnici huwa ferm evidenti li l-Ministeru intimat ma huwiex f’posizzjoni jistabilixxi meta l-ittra ta’ l-20 ta’ April 2010 giet effettivament notifikata lir-Rikorrenti u konsegwentement ma jistax jigi stabbilit minn meta beda jiddekorri it-terminu ta’ wiehed u ghoxrin gurnata entro liema r-Rikorrenti kellha tressaq l-Appell taghha mid-decizjoni tal-Ministeru intimat. Apparte minhekk ghalkemm Herald Bonnici xehed illi *mil-file jirrizulta l-20 ta’ April 2010 meta nbaghtet l-ittra,* jirrizulta wkoll li fiz-zmien in kwistjoni huwa ma kienx membru ta’ l-Exemptions Board u ghalhekk it-Tribunal ma jistax iqis ix-xhieda tieghu bhala prova konklussiva li l-ittra datata 20 ta’ April 2010 effettivament inbaghtet lir-Rikorrenti f’dik il-gurnata u mhux f'xi data wara.

Fid-dawl ta’ tant incertezza dwar id-data tan-notifika tad-decizjoni tal-Ministeru intimat lir-Rikorrenti u tal-fatt li x-xhieda ta’ Herald Bonnici ma tistax fic-cirkostanzi titqies bhala konklussiva dwar id-data meta nbaghtet l-ittra ta’ l-20 ta’ April 2010 lir-Rikorrenti, it-Tribunal ma jqisx li ghandu jippenalizza lir-Rikorrenti u jiddikjara li l-Appell taghha gie pprezentat *fuori termine*. Ghaldaqstant iqis li l-Appell gie validament interpost mir-Rikorrenti u konsegwentement ser jipprocedi biex jittratta l-Appell taghha fil-meritu.

Kif già iktar ‘l fuq osservat ir-Rikorrenti tikkontendi li t-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta’ l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta’ Registrazzjoni RCL 246 kellha tigi milqugha ghaliex kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Ministeru intimat hija tikkwalifika ghal tali ezenzjoni ai termini tal-Ligi, u fi kwalunkwe kaz ladarba hija giet lura Malta u gabet il-vettura taghha maghha wara d-dati indikati fil-*proviso* ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-talba taghha qatt ma setghet tigi michuda.

L-Artikolu 19(2) u (3) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien meta ir-Rikorrenti ghamlet it-talba ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni, kienu jipprovdu li *l-Ministru responsabbli ghall-finanzi jista', b'ordni u bla hsara ghal kull kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni, jezenta kull persuna mill-hlas ta' xi taxxa jew parti minn taxxa jew minn xi obbligu impost taht dan l-Att. … Ezenzjonijiet mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni u, dwar vetturi provvisti taht is-subparagrafi (ii) sa' (vii) hawn iktar 'l isfel, ukoll, mill-hlas ta' drittijiet ta' licenza ta' cirkolazzjoni jkunu applikabbli meta l-vettura bil-mutur – (i) tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tingieb permanentement f'Malta mill-individwu meta dan jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda vettura bil-mutur li ddahhlet f'Malta fl-1 ta' Lulju 2008, jew wara dik id-data, minn persuna li hadet ir-residenza taghha f'Malta fit-3 ta' Novembru 2008 jew wara dik id-data, tkun tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni*[10] *…*

Fil-fehma tat-Tribunal l-interpretazzjoni tar-Rikorrenti tal-*proviso* ta' l-Artikolu 19(3)(i) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex korretta u dana partikolarment fid-dawl ta' dak provdut fis-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu 19 – dejjem kif applikabbli fiz-zmien meta r-Rikorrenti ghamlet it-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vetturi – u cioè li *l-ezenzjonijiet taht is-subartikolu (3) ghandhom jinghataw taht dawk il-kondizzjonijiet kif il-Ministru jista' jispecifika b'regolamenti*[11].

Id-dati indikati fil-*proviso* ta' l-Artikolu 19(3)(i) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta in effetti jistabilixxu biss ghal liema vetturi u persuni japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta, izda zgur ma jfissrux li kwalunkwe vettura migjuba Malta minn kwalunkwe persuna fi jew wara d-dati hemm imsemmija awtomatikament tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vetturi. Sabiex ikun hemm

[10] Att VI ta' l-2009. Sottolinear tat-Tribunal.
[11] Sottolinear tat-Tribunal.

tali ezenzjoni l-applikant irid jissodisfa wkoll ir-rekwiziti kollha stipulati mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi kemm fl-istess Artikolu 19(3) tal-Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll fir-Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.01.

Ir-Regoli in kwistjoni kif applikabbli fiz-zmien meta r-Rikorrenti ghamlet it-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru tar-Registrazzjoni RCL 246, u senjatament ir-Regolament 4 kien jipprovdi li: *l-ezenzjoni taht is-subartikolu (3)(i) tal-artikolu 19 tal-Att tinghata lil vettura bil-mutur li tkun proprjetà personali ta' individwu privat u tkun qed tigi impurtata jew tkun qed tingieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta jkun qed jittrasferixxi r-residenza tieghu minn post barra minn Malta ghal post f'Malta: Izda – (a) dik il-persuna trid tkun ilha tghix barra minn Malta ghal perijodu kontinwu ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar qabel it-trasferiment tar-residenza taghha lejn Malta; (b) il-vettura bil-mutur tkun ilha fil-pussess taghha u tkun ilha tuzaha barra minn Malta ghal tal-anqas erbgha u ghoxrin xahar qabel id-data li fiha hu ma baqax ikollu r-residenza tieghu barra minn Malta; (c) tkun registrata f'isimha jew f'isem wahda jew wiehed mill-konjugi fejn dan ikun japplika[12]; (d) dik il-persuna jkollha licenza tas-sewqan valida; (e) il-vettura tkun trid tigi impurtata jew migjuba f'Malta fi zmien tnax-il xahar minn meta l-individwu jittrasferixxi r-residenza tieghu; (f) il-vettura ma tkunx tista' tinbiegh, tinghata lil xi hadd, tintrema, tinkera jew tigi mislufa wara l-vettura tigi impurtata jew imdahhla f'Malta sakemm ma tithallasx fuqha t-taxxa ta' registrazzjoni relatata ma' dik l-ezenzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu mal-Att.*

Mill-atti processwali u partikolarment mix-xhieda ta' Herald Bonnici moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2011, jirrizulta li l-Ministeru intimat cahad it-talba tar-Rikorrenti ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta' Registrazzjoni RCL 246 ghaliex fil-fehma tieghu r-Rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwizit elenkat fir-Regolament 4(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, stante li mid-dokumenti minnha sottomessi lill-Ministeru rrizulta li l-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem Purrfect Reflections u mhux f'isimha.

Kif già iktar 'l fuq osservat, fl-imsemmija seduta Herald Bonnici xehed illi *llum il-gurnata l-bord jimxi skond fuq min tkun irregistrata l-vettura, jigifieri jekk il-vettura tkun irregistrata f'isem ditta u mhux persuna privata jigifieri l-applikant, allura jimxi fuq dik ir-registration u jichad l-applikazzjoni. Ladarba l-applikazzjoni tar-rikorrent giet michuda ghandi nifhem li l-bord precedenti mexa fuq l-istess bazi. Id-definizzjoni ta' persuna li ahna naghtu hija dik kif tirrizulta mill-Ligi. Il-Ligi li qed naghmel referenza ghaliha hija Kap.368 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Minn din ix-xhieda johrog car li l-Ministeru intimat ikkonkluda li Purrfect Reflections hija ditta jew entità b'personalità guridika distinta minn dik tar-Rikorrenti, b'dana li l-vettura meritu tal-kontestazzjoni kienet registrata f'isem ditta jew socjetà kummercjali u mhux f'isem ir-Rikorrenti. Mill-provi prodotti mir-Rikorrenti però jirrizulta li Purrfect Reflections jew ahjar Purrfect Reflections Home Cleaning Services kien *business name* li bih ir-Rikorrenti kienet topera n-negozju taghha fiz-zmien meta kienet residenti gewwa l-Awstralja u mhux isem ta' xi socjetà kummercjali li l-istess Rikorrenti setghet ikkostitwiet fiz-zmien meta kienet l-Awstralja.

F'dan ir-rigward ir-Rikorrenti xehedet illi *meta mort l-Awstralja ghall-bidu jiena kelli hafna temporary jobs. Ghalkemm jiena hawnhekk kelli xoghol fis-shipping, hemmhekk mhux daqstant facli biex taqbad ix-xoghol. Fl-ahhar meta rajt li kelli bzonn xoghol aktar permanenti, iddecidejt li nibda noffri servizzi ta' tindif fid-djar residenzjali u jiena kont nahdem taht isem ta' trade name u dana ghall-fini li jekk inti tkun qed taghti business card u taghmel promotion ta' xogholok ghallinqas ikollok trade*

*name*[13]. Dak dikjarat mir-Rikorrenti gie kkonfermat mill-gharus taghha Richard Sultana li xehed illi *fi Frar 2006 jiena u Alexia morna l-Awstralja u domna hemmhekk madwar tlett snin u gejna lura ghall-habta ta' April 2009. Meta konna l-Awstralja jiena kont impjegat ma' xi hadd izda Alexia peress li ma kellhiex residence permit sa' dak iz-zmien, konna ftahna business zghir bejnietna. Dan il-busniess kien jikkonsisti f'domestic cleaning u kienet tahdem fuq bazi ta' self employed. Dan il-business ftahnieh f'ismi u f'isem Alexia u konna applikajna ghal APN number li huwa registrazzjoni ghall-finijiet ta' hlas ta' taxxa fl-Awstralja. Kif gja ghedt dan il-busniess ftahnieh f'isimna personali izda konna nahdmu bi trade name. It-trade name kien Perfect* [recte: Purrfect] *Reflections Home Cleaning Services*[14]*.*

Il-fatt illi Purrfect Reflections Home Cleaning Services kien biss *business* jew *trade name* li bih kienet topera n-negozju taghha r-Rikorrenti fiz-zmien meta kienet l-Awstralja, jirrizulta b'mod konklussiv mid-dokument a fol. 6 tal-process li huwa *Certificate of Director – Relating to the Registration of a Business Name* minn liema jirrizulta li fis-17 ta' Novembru 2006 dak l-isem gie *registered pursuant and subject to the Business Names Act 1962 and that at the date of this certificate* (22 ta' Novembru 2006) *the person/s in relation to whom the business name is registered is Sultana, Richard Joseph Papadopoulou, Alexia Evelyn.*

Bir-registrazzjoni ta' Purrfect Reflections Home Cleaning Services bhala *business name* ir-Rikorrenti ma kkreatx entità b'personalità guridika separata izda rregistrat isem li bih riedet tkun maghrufa fil-kuntest tan-negozju taghha. Dana jfisser ghalhekk illi ghalkemm il-vettura meritu tal-kontestazzjoni kienet registrata f'isem Purrfect Reflections, dik l-istess vettura ma kenitx registrata fuq persuna guridika distinta mir-Rikorrenti izda fuq l-istess Rikorrenti taht isem differenti – jew ahjar taht il-*busniess name* taghha. Minn dan isegwi ghalhekk illi fic-cirkostanzi

[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2011, fol. 17 u 18 tal-process.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2011, fol. 21 u 22 tal-process.

partikolari ta' dan il-kaz ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, ir-Rikorrenti tissodisfa ir-rekwizit stipulat fir-Regolament 4(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 u cioè li l-vettura tkun irregistrata f'isem dik il-persuna – ossia individwu privat – li tkun qed tittrasferixxi r-residenza taghha f'Malta minn post barra minn Malta.

Mill-atti processwali, senjatament mix-xhieda tar-Rikorrenti u ta' Richard Sultana li ma gietx kontradetta mill-Ministeru intimat, jirrizulta sodisfacentement ippruvat li: (a) il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru ta' Registrazzjoni RCL 246 hija di proprjetà tar-Rikorrenti, u dana kif jirrizulta b'mod car mid-dokument anness mar-Rikors promotur a fol. 4 u 5 tal-process li huwa l-kuntratt ta' l-akkwist tal-vettura u fejn bhala kompratur tirrizulta appuntu r-Rikorrenti, u li (b) ir-Rikorrenti ma kenitx tuza din il-vettura biss ghax-xoghol li kienet taghmel l-Awstralja izda anke ghal skopijiet personali.

Minn dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li r-Rikorrenti kienet tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru tar-Registrazzjoni RCL 246 u ghalhekk l-Appell minnha interpost mir-rifjut tal-Ministeru intimat li jilqa' t-talba taghha ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura imsemmija huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-Ministeru intimat, jilqa' l-Appell interpost mir-Rikorrenti, jirrevoka r-rifjut tal-Ministeru intimat datat 20 ta' April 2010 u minflok jiddikjara li r-Rikorrenti tikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Holden Combo bin-Numru tar-Registrazzjoni RCL 246.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Ministeru intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------